Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Giovanni M. Grixti LL.M, LL.D.

Appell Nru: 384/2016

**Il-Pulizja**

**Spettur Trevor Micallef**

**vs**

**Seykou Ballde**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Seykou Ballde detentur tal-karta tal-identita bin-numru 47996A, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar il-15 ta' Dicembru 2014 ghal habta tat-tlieta ta' filghodu (03.00a.m) fi Triq San Gorg, San Giljan u/jew fil-vicinanzi :-

1. Bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna ta' Vittma (Art. 198 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

2. akkuzat aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkommetta attentat vjolenti ghal pudur fuq il-persuna ta' Vittma (Art. 207 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

3. akkuzat aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi offenda l-pudur jew il-morali, b'eghmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku (Art. 209 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

4. akkuzat aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr setgha skond il-ligi ta' awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet fejn il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess Vittma kontra l-volonta' taghha u dan sabiex igieghlha taghmel jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha (Art. 86, 87(1)(c)(g) Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

5. akkuzat aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna feriti ta' natura hafifa fil-gisem ta' Vittma (Art. 221 (1) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

6. akkuzat aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna/i inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz. (Art. 95 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

7. akkuzat aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall- esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtiia skond il-ligi mill-awtorita kompetenti. (Art. 96 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

8. akkuzat aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna ferita ta' natura hafifa fil-gisem ta' PC 1372 Alain Cutajar (Art. 221 (1) Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta)

9. akkuzat aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi f'lok pubbliku jew espost ghall-pubbliku kien fi stat ta' sakra (Art. 338 (ff) Kap 9 talLigijiet ta' Malta)

10. akkuzat aktar talli fl-istess data aktar tard minn gewwa l-Ghassa San Giljan ikkommetta harba semplici waqt li kien fil-kustodja ta' persuna/i nkarigati mill-kustodja tieghu. (Art. 151 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

11. akkuzat aktar talli fis- 17 ta' Dicembru 2014 irrifjuta jaghti, jew ta falz lil ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kien qieghed jaghmel id-dmirijiet tieghu ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikularitajiet ohra (Art 338 (g) Kap 9 talLigijiet ta' Malta)

12.akkuzat aktar talli naqas milli jhares l-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. A. Vella LL.D, li bih inghata il-helsien mill-arrest;

Il-Qorti kienet mitluba illi f'kaz ta' htija tiprovdi ghal garanzija ta' Vittma skond artikolu 383 tal- Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-11 ta' Lulju, 2016, li biha sabet lill-imputat Seykou Ballde mhux ħati tad-disa' imputazzjoni u minnha lliberatu minn kull ħtija u piena, izda sabitu ħati tal-kumplament tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu jiġifieri l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt, is-seba' u t-tmien imputazzjoni kif ukoll l-għaxar, il-ħdax u t-tnax il-imputazzjoni u ikkundannatu għall-piena komplessiva ta' disa' snin priġunerija flimkien ma' multa komplessiva ta' ħamest elef euro (€5000);

Rat ir-rikors tal-appell ta' Seykou Ballde, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-20 ta' Lulju, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonferma** li mhux hati tad-disa' akkuza u l-htija tal-bqija, izda taghti sentenza aktar ekwa u gusta;

Rat l-aggravju tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lid-difensur tal-appellant u lill-Avukat Generali;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja is-sentenza appellata bil-gravam singolari illi l-piena erogata mill-ewwel Qorti kellha tkun aktar klementi ghaliex hu kien jinsab fi stat ta' sokor waqt il-kommissjoni tar-reati li dwarhom instab hati;

2. Illi qabel kull konsiderazzjoni ohra, tajjeb li jkun affermat dak wisq drabi ritenut mill-Qrati taghna, illi ma huwiex normali li din il-Qorti, *qua* Qorti tal-Appell Kriminali, tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm din ma tkunx fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li kellha tkun anqas minn dik li tkun fil-fatt erogata. (Ara fost skorta ta' sentenzi in rigward: Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et. 2.10.2002; Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano 13.11.2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella 14.6.1999 u r-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina 24.4.2003 kif citati fis-

sentenza ricenti Ir-Repubbblika ta' Malta vs *ommisis* u Noel Frendo 3.12.2015);

3. Illi minn ezami tal-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant flimkien ma' dawk dwar il-konkors tal-piena ex artikolu 17 tal-Kodici Kriminali, l-piena kominata mill-ewwel Qorti hija fil-parametri tal-ligi u ma hemmx htiega li din il-Qorti toqghod tindika x'kien il-minimu u l-massimu erogabbli u ghall-kull imputazzjoni li dwarhom instab hati;

4. Illi waqt is-sottomissjonijiet tieghu, l-appellant jikritika s-sentenza kwantu l-piena ukoll ghaliex l-ewwel Qorti imponiet multa ta' hamest elef euro ghaliex, skond hu, dan ma kienx konsentit mill-ligi. Apparti li, kif intqal *supra* l-appellant m'ghandux ragun ghaliex din il-multa kienet fil-parametri tal-ligi, l-appellant ma jistghax iqajjem aggravju gdid. Il-gravam tieghu huwa li kellu jinghata piena aktar miti ghaliex kien jinsab fi stat ta' sokor u ma jistghax issa jmur oltre minn hekk;

5. Ir-ragunament tal-appellant huwa wiehed fierah u intiz biss biex idewwem dawn il-proceduri. Minkejja l-allegazzjoni ta' sokor huwa instab hati ciononostante u ma ressaq ebda aggravju in rigward. Dan ifisser biss illi l-ewwel Qorti skartat din l-allegazzjoni bil-konsegwenza illi kien fi stat li jifformola l-intenzjoni tieghu ghar-reati li dwarhom instab hati, fatt dan li llum ghadda in gudikat. Anke fl-appell tieghu, l-appellant stess jikkoncedi illi d-difiza ta' sokor ma tinkwadrax. L-appellant jikkoncedi illi l-elementi tad-difiza ta' sokor ma jinkwadrawx f'dan il-kaz. Ghalhekk dan huwa kapitolu mghaluq u huwa inutili ghalih li jargumenta fis-sottomissjonijiet orali tieghu illi s-sentenza tal-ewwel Qorti mhix wahda ekwa u gusta ghaliex ma haditx dan in difeza tieghu u meta ttenta jallaccja din il-linja difensjonali u c-cahda taghha mal-allegata inekwita fil-piena;

Akkoljiment ta dan l-aggravju, fil-fehma tal-Qorti ma jkunx ta' gieh ghas-sistema guridika taghna. Riduzzjoni fil-piena dwar delitt daqstant ripulsiv ghaliex l-appellant, skond hu, kien fi stat ta' sokor, naturalment ikollha l-effett indeziderat li ggib fix-xejn is-sentenza tal-ewwel Qorti u tassew jkun ta' disturb ghas-sigurata' tas-socjeta' u b'mod partikolari ghall-vittma. Din il-Qorti ma tara xejn sproporzjonat fil-piena erogata mill-ewwel Qorti li kkalibrat il-piena skond dak li semghet waqt it-trattazzjoni tal-kawza quddiemha.

6. L-appell ghalhekk qed ikun michud.